**Appell ippreżentat fl-14 ta' Frar 2009 minn Makhteshim-Agan Holding BV, Makhteshim-Agan Italia Srl, Magan Italia Srl, mid-digriet mogħti mill-Qorti tal-Prim'Istanza (Is-Sitt Awla) fis-26 ta' Novembru 2008 fil-Kawża T-393/06, Makhteshim-Agan Holding BV *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-69/09 P)**

(2009/C 82/39)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

## Partijiet

*Appellanti:* Makhteshim-Agan Holding BV, Makhteshim-Agan Italia Srl, Magan Italia Srl (rappreżentanti: K. Van Maldegem, C. Mereu, avukati)

*Appellata:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

## Talbiet tal-appellanti

— tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-Kawża T-393/06 u tiddikjara r-rikors għal annullament tal-appellanti ammissibbli; u

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata; jew

— sussidjarjament, tirrinvija l-kawża lill-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex tiddeċiedi dwar ir-rikors għal annullament tal-appellanti; u

— tordna lill-Kummissjoni tħallas l-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri (inklużi l-ispejjeż quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza).

## Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti jissottomettu li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta ċaħdet ir-rikors tagħhom għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea ddikjarata f'ittra tat-12 ta' Ottubru 2006, li ma tippreżentax proposta għall-inklużjoni tas-sustanza attiva azinphos-methyl fl-Anness 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), tal-15 ta' Lulju 1991, li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

B'mod partikolari, l-appellanti jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta ċaħdet ir-rikors għar-raġuni ta' inammissibbiltà. Hija sostniet, b'mod żbaljat, li d-deċiżjoni kkontestata ma kinitx att li jista' jiġi kkontestat skont l-Artikolu 230 tat-Trattat KE.

([1]) ĠU L 230, p. 1.